

# Linji ta' Gwida dwar il-Kummerç mal-Komunità Ewropea (KE) Jannar 2008

## *Gwida Prattika għall-Parteċipanti f'Kimberley u Kumpaniji involuti f'kummerç ma' l-Ewropa fi djamanti mhux maħduma*

### Werrej

1.	Introduzzjoni.....	2
2.	Importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma fl-UE/KE .....	3
3.	Esportazzjoni ta' djamanti mhux maħduma mill-UE/KE.....	6
4.	Rappurtaġġ ta' l-istatistika .....	7
5.	Konferma ta' l-importazzjoni u s-soluzzjonijiet tad-diskrepanzi u d- diffikultajiet.....	7
6.	Soluzzjonijiet tad-diskrepanzi u diffikultajiet oħra .....	7
7.	FAQs .....	7
8.	Proċeduri għal vjeġġi irregolari .....	9
9.	Awtoregolazzjoni ta' l-industrija fil-KE.....	10
10.	Punti ta' kuntatt.....	13

### **Rinunzja**

Dan id-dokument huwa pprovdut bħala servizz għall-partijiet interessati. Huwa gwida li ma torbotx u ma tirrappreżentax l-opinjoni uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, u lanqas għandha tittieħed bħala parir legali. Għandek tkun avżat biex tfittex parir ulterjuri qabel ma' toqgħod fuq xi ħaġa minn hawnhekk.

### **Għal aktar informazzjoni:**

L-UE u l-Proċess Kimberley: [http://ec.europa.eu/external\\_relations/kimb/intro/index.htm](http://ec.europa.eu/external_relations/kimb/intro/index.htm)

Il-websajt tal-Proċess Kimberley: <http://www.kimberleyprocess.com>

## 1. **Introduzzjoni**

L-Unjoni Ewropea (UE)/il-Komunità Ewropea (KE) fil-preżent fiha 27 stat.

Hija suq uniku u unjoni kummerċjali u doganali. Għall-parti l-kbira tal-kwistjonijiet dwar il-kummerċ, inkluż għall-iskopijiet ta' l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċess ta' Kimberley (KPCS), il-Komunità Ewropea hija kkunsidrata bħala entità waħda mingħajr fruntieri interni.

Sett wieħed ta' regoli japplika għas-sebgħa u għoxrin amministrazzjoni doganali ta' l-Istati Membri għat-tranżazzjonijiet ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni fil-fruntieri esterni tas-suq uniku.

Il-KE bħala korp wieħed hija Parteċipant fil-KPCS, u regolament uniku japplika regoli komuni fl-Istati Membri kollha.

Testi legali applikabbli jinsabu hawn:

[http://ec.europa.eu/comm/external\\_relations/kimb/intro/index.htm](http://ec.europa.eu/comm/external_relations/kimb/intro/index.htm)

Id-djamani mhux maħduma jistgħu jiġu legalment esportati lejn jew importati mis-27 Stat Membru li, sa Jannar ta' l-2008, huma dawn li ġejjin:

L-Awstrija	Il-Belġju	Il-Bulgarija
Ċipru	Ir-Repubblika Ċeka	Id-Danimarka
L-Estonja	Il-Finlandja	Franza
Il-Ġermanja	Il-Greċja	L-Ungerija
L-Irlanda	L-Italja	Il-Latvja
Il-Litwanja	Il-Lussemburgu	Malta
Il-Polonja	Il-Portugall	Ir-Rumanija
Is-Slovakkja	Is-Slovenja	Spanja
L-Iżvezja	L-Olanda	Ir-Renju Unit

## 2. **Importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma fl-UE/KE**

- Biex tiffaċilita l-applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar id-dwana u t-tariffi mis-servizzi doganali ta' kull Stat Membru, il-KE ħolqot it-Tariffa Integrata tal-Komunità (TARIC, *Tarif Intégré de la Communauté*) u Nomenklatura Kombinata (CN) fl-1987.
- It-TARIC hija sistema elettronika li turi l-miżuri kollha ta' politika dwar id-dazji doganali jew dwar il-kummerċ applikabbli għall kull prodott. L-użu tagħha huwa obligatorju fid-dikjarazzjonijiet doganali fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi.
- L-importaturi jew l-operaturi ekonomiċi jistgħu liberament jagħżlu punt ta' dħul fi fruntiera esterna tal-KE għall-importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma.
- Jekk id-djamanti mhux maħduma huma rreġistrati fi kwalunkwe awtorità Doganali għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea, it-TARIC awtomatikament tindika l-eżistenza ta' restrizzjoni kummerċjali (skrin ta' twissija elettronika) u tirreferi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 li jimplimenta l-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-Proċess Kimberley għall-kummerċ internazzjonali fid-djamanti mhux maħduma, li jispeċifika r-regoli applikabbli.

L-Artikolu 3 jipprovdi li: "L-importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma fil-Komunità għandha tkun ipprojbata sakemm ma jkunux issodisfati dawn il-kundizzjonijiet:

- (a) id-djamanti mhux maħduma jkunu akkumpanjati minn ċertifikat ivvalidat minn awtorità kompetenti parteċipanta (proċess Kimberley);
- (b) Id-djamanti mhux maħduma huma miżmuma f'kontenitur issiġillat li ma jistax jiġi mbaġħbas, u li s-siġilli applikati waqt l-esportazzjoni mill-partiċipant ma jkunux miksura
- (c) iċ-ċertifikat jidentifika biċ-ċar il-kunsinna li jirreferi għaliha."

- Kull importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma għandha tkun ivverifikata permezz ta' **awtorità Komunitarja**.

Awtorità Komunitarja hija awtorità kompetenti maħtura minn Stat Membru u miftiehma mal-Kummissjoni biex twettaq ċerti ħidmiet b'raba ma' l-implimentazzjoni tal-KPCS, partikolarment il-verifika tal-vjeġġi li deħlin biex ikunu konformi mar-regoli tal-KP u l-ħruġ taċ-Ċertifikati KP għall-vjeġġi ta' l-esportazzjoni.

- **Jekk hemm awtorità Komunitarja jew fi**
  - **I-Istat Membru fejn ikunu qed jiġu impurtati d-djamanti mhux maħduma, jew**
  - **I-Istat Membru fejn huma ddestinati**

il-kontenitur(i) u ċ-ċertifikat(i) għandhom jiġu mgħoddija għall-verifika, flimkien u kemm jista' jkun malajr, lill-awtorità Komunitarja jew fl-Istat Membru importatur jew destinatarju, skond kif applikabbli.

- **Jekk ta'hawn fuq ma japplikax**, allura l-importatur jista' jagħżel liema awtorità Komunitarja jrid biex jgħaddilha ċ-ċertifikat tal-vjeġġ, għall-verifika.

L-awtoritajiet doganali fil-punt tad-dħul fit-territorju tal-Komunità għandhom jirreġistraw il-vjeġġ ta' djamanti mhux maħduma għall-**proċedura tat-tranżitu estern**. Din il-proċedura, li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nr 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992, tippermetti ċ-ċaqliq ta' oġġetti minn post għall-ieħor fi ħdan it-territorju doganali tal-Komunità, mingħajr ma' jkunu suġġetti għad-dazji ta' l-importazzjoni.

Ir-reġistrazzjoni għal din il-proċedura tippermetti t-trasferiment ta' djamanti mhux maħduma lejn awtorità Komunitarja għall-verifika.

Wara l-verifika minn awtorità Komunitarja, l-oġġetti jintbagħtu lill-awtoritajiet rilevanti tad-dwana nazzjonali għall-proċeduri doganali regolari.

Artikolu 4 jipprovdi li:

1. Il-kontenituri u ċ-ċertifikati korrispondenti għandhom jiġu sottomessi għall-verifika, flimkien u malajr kemm jista' jkun, lil awtorità Komunitarja jew fl-Istat Membru fejn ġew importati jew fl-Istat Membru li għaliha ikunu destinati, bħal ma hu indikat fid-dokumenti ta' miegħu.
2. F'każijiet fejn id-djamanti mhux maħduma jkunu importati fi Stat Membru fejn m'hemmx awtorità Komunitarja, għandhom ikunu sottomessi lill-awtorità Komunitarja xierqa fl-Istat Membru li jkunu destinati għalih. Jekk ma teżistix awtorità Komunitarja la fl-Istat Membru importatur u lanqas fl-Istat Membru destinatarju għandhom ikunu sottomessi lill-awtorità Komunitarja xierqa fi Stat Membru ieħor.
3. L-Istat Membru fejn id-djamanti mhux maħduma jkunu importati għandu jiżgura s-sottomissjoni tagħhom lill-awtorità Komunitarja xierqa li għaliha hemm provvediment f'paragrafi 1 u 2. It-tranżitu doganali jista' jingħata f'dak is-sens. Jekk jingħata tali tranżitu doganali, il-verifika li hija provveduta permezz ta' dan l-Artikolu għandha tiġi sospiża sakemm tasal għand l-awtorità Komunitarja xierqa.
4. L-importatur għandu jkun responsabbli għaċ-ċaqliq kif suppost tad-djamanti mhux maħduma u għall-ispejjeż ta' dan.

## **Awtoritajiet Komunitarji**

- Dan li ġej jipprovdni informazzjoni ġenerali dwar il-proċeduri ġenerali fl-Awtoritajiet Komunitarji.
- **L-importaturi/esportaturi għandhom jikkuntattjaw lis-CA li jridu jużaw fil-*prim'istanza*, li ttiprovdni aktar dettalji jekk ikun meħtieġ.**
- Fil-preżent hemm Awtoritajiet Komunitarji fi:
  - Antwerp (Il-Belġju),
  - Londra (Ir-Renju Unit),
  - Idar-Oberstein (Il-Ġermanja),
  - Praga (Ir-Repubblika Ċeka),
  - Bucharest (Ir-Rumanija),
  - Sofia (Il-Bulgarija)
- L-Awtoritajiet Komunitarji jivverifikaw jekk il-kontenut tal-kontenitur jaqbilx mad-dettalji fuq iċ-ċertifikat korrispondenti.
- L-importazzjoni li tkun se tiġi vverifikata mill-Awtorità Komunitarja Ċeka għandha tintbagħat lill-*Special Customs Office Prague D1 at the General Directorate of Customs, Budějovická str. 7, Prague 4*. Il-persuni li jkollhom id-djamanti mhux maħduma fir-Repubblika Ċeka huma obbligati li jirreġistraw mad-Direttorat Ġenerali Doganali<sup>1</sup>.
- Id-dettalji ta' kuntatt huma pprovduti f'Sezzjoni 10 ta' dan id-dokument u huma disponibbli fuq l-internet:

[http://ec.europa.eu/external\\_relations/kimb/intro/address.htm](http://ec.europa.eu/external_relations/kimb/intro/address.htm)

---

<sup>1</sup> Għal aktar informazzjoni:

*l-Att Nru 440/2003 Coll., dwar il-ġarr tad-djamanti mhux maħduma, il-kundizzjonijiet ta' l-importazzjoni taġġhom, l-esportazzjoni u t-tranżitu, u li jemenda ċerti atti, kif emendat permezz ta' l-Att Nru 60/2005:*

<http://www.cs.mfcr.cz/CmsGrc/Obchod-se-zbozím/Kimberlejsky-proces/440en.htm>

*Formola ta' Reġistrazzjoni:*

<http://www.cs.mfcr.cz/CmsGrc/Obchod-se-zbozím/Kimberlejsky-proces/registrace.htm>

### 3. **Esportazzjoni ta' djamanti mhux maħduma mill-UE/KE**

- Biex jikseb ċertifikat Komunitarju għall-esportazzjoni, l-esportatur għandu jibgħat **dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni** u/jew **fattura** lill-awtorità Komunitarja. Hu għandu jipprovdi evidenza dokumentata konklussiva li d-djamanti li jkunu se jiġu esportati kienu importati legalment fil-Komunità<sup>2</sup>. Din tista' tinkludi l-provvediment tal-fatturi miċ-ċertifikat oriġinali ta' l-importazzjoni 'l quddiem.
- Skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002, l-awtorità Komunitarja tista' taċċetta bħala evidenza konklużiva ta' importazzjoni fil-Komunità skond il-liġi, dikjarazzjoni ffirmata mill-esportatur f'dan is-sens, jekk l-esportatur huwa membru f'organizzazzjoni tad-djamanti li timplimenta s-sistema ta' garanziji u awtoregolazzjoni industrijali li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17 tar-Regolament.
- Qabel ma joħroġ iċ-ċertifikat Komunitarju, l-awtorità Komunitarja tista' tiddeċiedi li **fiżikament tispezzjona** l-kontenut tal-kunsinna sabiex tivverifika li l-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 kienu ssodisfati.
- Matul il-perjodu tal-validità taċ-Ċertifikat tal-KP, l-operaturi ekonomiċi fil-prinċipju huma liberi li jagħżlu meta u fejn isiru l-formalitajiet doganali u l-esportazzjoni attwali mill-Komunità. Il-verifika ta' l-esportazzjoni attwali tal-vjeġġ issir permezz tal-kontroll tar-riċevuti ta' l-importazzjoni mill-parteċipant riċevitur.
- L-awtoritajiet Komunitarji f'Londra, Praga u Idar-Oberstein sistematikament jibagħtu avviżi tal-vjeġġi minn qabel bl-email bl-informazzjonni dwar il-piż tal-karat, il-valur, il-pajjiż ta' l-oriġini jew il-provenenza, l-esportatur, l-importatur u n-numru tas-serje taċ-Ċertifikat lill-awtoritajiet parteċipanti ta' l-importazzjoni. L-Awtorità Komunitarja f'Antwerp tibgħat din l-informazzjoni lil dawk il-Parteċipanti kollha li jkunu għamlu talba rispettiva.
- Id-dettalji kollha dwar il-vjeġġi tad-djamanti mhux maħduma jkunu rreġistrati fuq *database* kompjuterizzati u rrapportati lill-Kummissjoni bħala l-awtorità tal-KP kull xahar skond l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002.

---

<sup>2</sup> Skond l-Artikolu 12(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002, awtorità Komunitarja tista' toħroġ ċertifikat Komunitarju lil esportatur meta tkun stabbilixxiet li l-esportatur ikun ipprova evidenza konklussiva li

(a) id-djamanti mhux maħduma li għalihom iċ-ċertifikat qed jintalab kienu importati skond il-liġi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3,

(b) it-tagħrif l-ieħor mitlub fuq iċ-ċertifikat huwa korrett;

(c) (ċ) id-djamanti mhux maħduma huma effettivament destinati għall-wasla fit-territorju tal-parteċipant, u

(d) id-djamanti mhux maħduma se jinġarru f'kontenitur issiġillat li ma jistax jiġi mbagħbas

#### **4. Rappurtaġġ ta' l-istatistika**

L-Awtoritajiet Komunitarji jipprovdu ritorni ta' l-istatistika lill-KE, li min-naħa tagħha hija responsabbli li timla u tissottometti r-rapporti ta' l-istatistika. Sommarju ta' l-Istatistika ta' Kimberley tinsab hawnhekk: <https://mmsd1.mms.nrcan.gc.ca/kimberleystats/default.asp>

#### **5. Konferma ta' l-importazzjoni u s-soluzzjonijiet tad-diskrepanzi u d-diffikultajiet**

Linja ta' Gwida Teknika 14 (Ottubru 2004) tiddikjara:

*Il-Parteċipanti Esportaturi huma mitluba li, ta' kull tliet xhur, jiskambjaw mal-Parteċipanti Importaturi fuq bażi bilaterali listi tan-numru taċ-Ċertifikati tal-KPO li jkunu mal-vjeġġi tad-djamanti mhux maħduma. Il-Parteċipanti Importaturi huma mitluba li jivverifikaw u jinnotifikaw kull numru nieqes u diskrepanzi oħra lill-Parteċipant Esportatur u lis-Sedja.*

Misqtosijiet dwar il-konferma ta' l-importazzjoni kemm jista' jkun għandha tinġieb għall-attenzjoni ta' l-Awtorità Komunitarja rilevanti.

Huwa biss jekk l-Awtorità Komunitarja ma tkunx f'pożizzjoni li twieġeb xi mistoqsija, jew jekk ikun hemm bżonn informazzjoni addizzjonali li l-Awtorità Komunitarja ma tistax tipprovdi, li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-KE.

#### **6. Soluzzjonijiet tad-diskrepanzi u diffikultajiet oħra**

L-istess prinċipju ta' taħt '5' japplika għas-soluzzjonijiet tad-diskrepanzi u diffikultajiet oħra. Kemm jista' jkun, dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu solvuti ma' l-Awtorità Komunitarja rilevanti. Is-soluzzjoni li tirriżulta għandha tiġi kkomunikata lill-KE.

#### **7. FAQs**

**- Territorji speċjali ta' l-Istati Membri u l-istatus tagħhom fir-rigward tal-Proċess Kimberley (ir-reġjuni l-aktar fil-periferija, pajjiżi jew territorji barranin eċċ)**

Dawn li ġejjin jiffurmaw parti mit-territorju tal-Komunità Ewropea u r-Regolament 2368/2002 japplika direttament għalihom:

- Il-Gujana Franċiża, Guadeloupe, Martinique, Réunion (Franza)
- Ġibiltà (Ir-Renju Unit),
- Åland (Il-Finlandja)
- L-Azores, il-Madeira (Il-Portugall) (NB jistgħu japplikaw xi eċċezzjonijiet)
- Il-Gżejjer Kanarji (Spanja)
- Ceuta u Melilla (Spanja) (NB jistgħu japplikaw xi eċċezzjonijiet)

Dawn li ġejjin mhumiex parti mit-terroterju tal-Komunità Ewropea:

- Il-French Polynesia, in-New Caledonia, Wallis u Futuna, l-Artijiet Franċiżi tan-Nofsinhar u ta' l-Antartiku, Mayotte, Saint Barthelemy, Saint Martin, Saint Pierre u Miquelon (Franza)
- Aruba, u l-Antilli Olandiżi (L-Olanda)
- Il-Gżejjer Faroe, Greenland (Id-Danimarka)
- Guernsey, Jersey, Isle of Man, Akrotiri u Dhekelia (Żoni ta' Bażijiet Sovrani), Bermuda, il-Gżejjer Turks u Caicos, Anguilla, il-Gżejjer Virgin tal-Brittanja, il-Gżejjer Cayman, Montserrat, il-Gżejjer Falkland, il-Gżejjer Pitcairn, Saint Helena, it-Territorju Britanniku ta' l-Oċean Indjan, il-Ġorġja ta' Isfel u l-Gżejjer South Sandwich (Ir-Renju Unit)

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar l-esportazzjoni lejn, jew importazzjoni mit-terroterji u l-pajjiżi msemmija hawn fuq, jew kwalunkwe unjoni doganali ma' l-UE, toqgħodx lura milli tikkuntattjana.

#### **- X'jiġri jekk stat membri ma' jkollux Awtorità Komunitarja?**

Il-vjeġġi tad-djamanti mhux maħduma huma possibbli lejn u minn kullimkien fil-Komunità. Fejn Stat Membru m'għandux awtorità Komunitarja, l-esportatur jew l-importatur jista' jagħżel liema awtorità Komunitarja li jrid juża.

## 8. **Proċeduri għal vjeġġi irregolari**

- Ir-Regolament (KE) Nru 2368/2002, li jimplimenta l-KPCS fil-KE, jistipula l-kundizzjonijiet li taħthom l-importazzjoni u l-esportazzjoni tad-djamanti mhux maħduma lejn jew mill-Komunità Ewropea huma permissibbli. Minħabba li r-Regolament huwa liġi direttament applikabbli madwar il-Komunità kollha, l-awtoritajiet rilevanti kollha (partikolarment l-awtoritajiet doganali nazzjonali) huma marbuta bid-dispożizzjonijiet tiegħu.
- Ir-Regolament jipprovdi li l-importazzjoni fil-Komunità tad-djamanti mhux maħduma, u l-esportazzjoni tad-djamanti mhux maħduma mill-Komunità, huma pprojbiti sakemm il-kundizzjonijiet mill-aktar ċari stipulati fl-Artikolu 3 (għall-importazzjoni) u Artikolu 11 (għall-esportazzjoni) ikunu ssodisfati.
- Ir-Regolament jipprovdi wkoll li f'kull każ fejn il-kundizzjonijiet ma jkunux issodisfati, l-awtoritajiet kompetenti (speċifikament, waħda mill-awtoritajiet Komunitarji jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra mill-Istat Membru kkonċernat, bħad-dwana) għandha żżomm il-vjeġġ.
- Għalhekk vjeġġ ma jistax jiġi rilaxxat (jew jintbagħat lura lejn il-pajjiż minn fejn ġie, fil-każ ta' vjeġġi li jkunu deħlin) sakemm il-kundizzjonijiet kollha stipulati fir-Regolament tal-KE ma jkunux issodisfati. Dan huwa deterrent f'saħħtu kontra kull attentat biex wieħed idur mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.
- Aktar minn hekk, il-Kodiċi Doganali tal-Komunità tal-KE<sup>3</sup> (li hija wkoll liġi direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha) fiha dispożizzjonijiet relatati mal-ġarr ta' l-oġġetti li għalihom japplikaw restrizzjonijiet u projbizzjonijiet (bħal ma hu l-każ tad-djamanti mhux maħduma). Speċifikament, il-Kodiċi Doganali ttiprovdi li l-oġġetti li d-dokumenti mitluba dwarhom għall-proċedura doganali rilevanti ma jkunux ingħataw, **ma jistgħux jiġu rilaxxati**. Il-Kodiċi Doganali jipprovdi wkoll li kwalunkwe miżura meħtieġa, inklużi l-**konfiska** jew il-**bejgħ**, għandha tittieħed fil-każ ta' dawk l-oġġetti li ma jistgħux jiġi rilaxxati.
- Ir-Regolament (KE) Nru 2368/2002 jipprovdi wkoll (l-Artikolu 27) li l-Istati Membri kollha għandhom jiddeterminaw sanzjonijiet fil-liġi jew regolamenti nazzjonali tagħhom għall-infrazzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Filwaqt li s-sanzjonijiet preċiżi huma fid-diskrezzjoni ta' l-Istati Membri (u jistgħu jkunu bbażati fuq proċeduri eżistenti jew liġijiet jew regolamenti dwar il-kummerċ barrani), ir-Regolament jistipula li s-sanzjonijiet għandhom ikunu **effettivi, proporzjonati u dissważivi** u kapaċi jipprevjenu

---

<sup>3</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992; cf. partikolarment Artikoli 56-58, 73 u 75.

lil dawk responsabbli mill-infrazzjoni milli jiksbu benefiċċju ekonomiku mill-azzjoni tagħhom.

- Il-Kummissjoni għandha idea ġenerali tas-sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri differenti skond l-Artikolu 27, kif ukoll lista dettaljata tal-kontravvenzjonijiet kollha tar-Regolament (KE) Nru 2386/2002.

## 9. **Awtoregolazzjoni ta' l-industrija fil-KE**

- Il-Komunità Ewropea tapprova espliċitament il-prinċipju ta' **l-awtoregolazzjoni ta' l-industrija** kif stipulat f'Sezzjoni IV tad-Dokument tal-KPCS fil-leġiżlazzjoni tagħha li timplimenta l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċess Kimberley fil-Komunità.
- Kapitolu IV ("Awtoregolazzjoni ta' l-Industrija") tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 jistipula r-rekwiżiti ta' gwida dwar it-twaqqif ta' sistema ta' garanziji u awroregolazzjoni ta' l-industrija minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-kummerċjanti tad-djamanti mhux maħduma u jipprovdi għal proċedura mgħaġġla ("**fast-track**") għall-organizzazzjonijiet li japplikaw sistema ta' garanziji u awtoregolazzjoni ta' l-industrija.
- Huwa importanti li jiġi ċċarat għall-KE it-terminu 'awtoregolazzjoni ta' l-industrija' ma jfissirx id-delegazzjoni tar-responsabbilitajiet tal-gvern lill-korpi industrijali. Pjuttost ifisser l-għoti ta' privileġġ (ħruġ mgħaġġel tal-KPCS) lill-kumpaniji suġġetti għal responsabbilitajiet konsiderevoli bħala membri ta' korpi industrijali.
- Sabiex tiġi inkluża fil-lista ta' Anness V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002n organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-kummerċjanti tad-djamanti mhux maħduma trid ttiprovdi evidenza konklussiva lill-Kummissjoni li tkun adottat regoli u regolamenti li jobbligaw lill-organizzazzjoni u lill-membri tagħha li jirrispettaw prinċipji speċifiċi u proċeduri stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament.
- B'mod partikolari, ir-regoli u r-regolamenti ta' tali organizzazzjonijiet għandhom jobbligaw lill-membri:
  - biex ibiġġu biss djamanti li nxtraw minn sorsi leġittimi b'konformità ma' l-Iskema ta' Ċertifikazzjoni tal-Proċess Kimberley;
  - biex jiggarantixxu li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jkollhom u/jew garanziji bil-miktub ipprovduti mill-fornituri tad-djamanti mhux maħduma, id-djamanti mhux maħduma li jinbiegħu ma jkunux djamanti tal-kunflitt;
  - ma jixtrux djamanti mhux maħduma mingħand sorsi suspettużi jew mhux magħrufa li jissupplixxu djamanti mhux maħduma li ġejjin minn parteċipanti li mhumiex fl-iskema ta' ċertifikazzjoni tal-KP;

- mingħajr ma jafu jixtru, jbigħu, jew jgħinu lill-oħrajn fiġ- xiri jew il-bejgħ ta' djamanti tal-kunflitt;
  - joħlqu u jżommu reġistrazzjonijiet ta' fatturi mibgħuta mill-fornituri u maħruġa lill-klijenti għal mill-anqas tliet snin; u
  - jagħtu struzzjonijiet lil awditur indipendenti biex jiċċertifika li dawk ir-reġistrazzjonijiet iħohlqu u ġew miżmuma bir-reqqa.
- Ir-regoli u r-regolamenti adottati mill-organizzazzjoni għandhom jipprevedu miżuri dixxiplinarji, b'mod partikolari l-obbligu għall-organizzazzjoni biex jiġi mkeċċi kwalunkwe membru li jinstab, wara proċess dovut ta' inkjesta mill-organizzazzjoni nnifisha, li kiser b'mod serju l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament.
- L-awtoritajiet Komunitarji jikkomunikaw l-iżviluppi relevanti u l-informazzjoni dwar il-Proċess Kimberley lill-Boroż:
- Aġġornamenti tal-lista tal-Parteċipnati fil-KP
  - Ir-Regolamenti l-ġodda tal-KE
  - Il-Linji ta' gwida tekniċi l-ġodda, l-aħjar prattiki, id-deċiżjonijiet amministrattivi eċċ.
  - L-Avvizi tas-Sedja
  - Linji ta' gwida prattiki għall-proċeduri ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni eċċ.
- Min-naħa tagħhom, il-Boroż għandhom jgħaddu din l-informazzjoni lill-membri tagħhom.
- Skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002, il-Membri ta' organizzazzjoni mniżżla jistgħu jiksbu ċertifikat Komunitarju fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni ffirmata minn dak il-membru li d-djamanti mhux maħduma li se jkunu esportati kienu impurtati skond il-liġi.
- Permezz tar-Regolamenti tagħha Nru 762/2003 tat-30 ta'April 2003 u Nru 1214/2003 tas-7 ta' Lulju 2003, il-Kummissjoni ppermettiet lil dawn li ġejjin biex ikunu mniżżlin fl-Anness V:
- Antwerpsche Diamantkring C.V.,
  - Beurs voor Diamanhandel C.V.,
  - Diamantclub van Antwerpen C.V.,
  - Vrije Diamanhandel N.V. (kollha bbażati f'Antwerp) u,
  - il-London Diamond Bourse and Club

abbażi ta' l-applikazzjoni u wara l-verifika li kull waħda mill-boroż adottat regoli u regolamenti, b'mod partikolari Kodiċi ta' Kondotta li jorbot, li jiżguraw konformità mill-boroż u l-membri tagħhom mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament.

Fis-7 ta' Settembru 2004, il-Ministru Belġjan ta' l-Ekonomija u l-Presidenti ta' l-erba' Boroż ta' Antwerp iffirmaw Protokoll dwar il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-awtoregolazzjoni ta' l-industrija fil-Belġju. Dan il-Protokoll jipprovdi qafas għall-Awtorità Komunitarja Belġjana fir-rigward tas-sorveljanza tal-funzjoni u l-implimentazzjoni ta' Artikolu 17.

- Skond l-Artikolu 17(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002, l-awtoritajiet Komunitarji f'Antwerp u Londra kull sena jipprovdu lill-Kummissjoni Ewropea b'rapporti dwar il-valutazzjoni tagħhom tat-tħaddim tas-sistema tal-garanziji u l-awtoregolazzjoni ta' l-industrija .
- F'numru żgħir ta' każi, il-membri tal-boroż naqsu milli jiprovdu l-attestati mitluba minn awdituri indipendenti u kienu suġġetti għal seduti dixxiplinarji. Uħud kienu temporanjament sospiżi mill-proċedura mgħaġġla. Dan xi kultant wassal biex l-attestati mitluba jiġu provduti, imma fejn ma kenux, is-sħubija tal-kumpaniji kkonċernati fil-boroż relevanti kienet sospiża u għalhekk intalbu jipprovdu "evidenza konklussiva" għal kull esportazzjoni ta' djamanti mhux maħduma aktar milli jgawdu mill-proċedura mgħaġġla.
- L-Awtoritajiet Komunitarji għamlu, jew għandhom il-ħsieb li jagħmlu, spezzjonijiet għall-għarrieda ta' l-awditjar tal-kumpaniji. Dan jinvolvi:
  - l-eżaminar tal-fatturi tal-kumpaniji, u l-iċċekkjar għall-preżenza tal-garanzija fuq il-fatturi;
  - iċċekkjar tal-preżenza taċ-ċertifikati tal-Proċess Kimberley fir-rigward ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' djamanti mhux maħduma;
  - iċċekkjar ta' *data* fuq id-dikjarazzjonijiet annwali ta' l-istokk kontra l-informazzjoni tad-*database* tal-KPC miżmum mill-Awtorità Komunitarja.

## **10. Punt ta' kuntatt**

### **Proċess Kimberley**

[www.kimberleyprocess.com](http://www.kimberleyprocess.com)

### **Il-Komunità Ewropea**

Taqsim A/2

Direttorat Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni

Il-Kummissjoni Ewropea

B-1049 Brussels

Belgium

Tel: +32-2-299 3216

Fax: +32-2-299 0873

e-mail: [RELEX-KIMBERLEY-PROCESS@ec.europa.eu](mailto:RELEX-KIMBERLEY-PROCESS@ec.europa.eu)

Persuni li jistgħu jiġu kkuntattjati:

Is-sur Stéphane Chardon

Taqsim A/2

Direttorat Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni

Il-Kummissjoni Ewropea

B-1049 Brussels

Belgium

Tel: +32-2-296 6133

Fax: +32-2-299 0873

e-mail: [Stephane.Chardon@ec.europa.eu](mailto:Stephane.Chardon@ec.europa.eu)

Is-sinjura Alyson King

Taqsim A/2

Direttorat Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni

Il-Kummissjoni Ewropea

B-1049 Brussels

Belgium

Tel: +32-2-299 1176

Fax: +32-2-299 0873

e-mail: [Alyson.King@ec.europa.eu](mailto:Alyson.King@ec.europa.eu)

## Awtoritajiet Komunitarji

Skond it-termini tal-leġiżlazzjoni relevanti (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002), kull Stat Membru tal-Komunità Ewropea jista jaħtar awtorità kompetenti fuq il-livell nazzjonali biex taġixxi bħala 'Awtorità Komunitarja' li taġixxi bħala l-awtorità dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni għall-iskopijiet tal-KE. Wara li jkun ivverifikat li tali awtorità tkun f'pożizzjoni li teżerċita b'mod effettiv ir-rwol ta' awtorità ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-KPCS u l-leġiżlazzjoni relevanti tal-KE, u l-konsultazzjoni ta' Kumitat ta' Ġestjoni magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri kollha tal-KE, kull awtorità tkun imniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2368/2002. Issa hemm sitt awtoritajiet Komunitarji bħal dawn li d-dettalji ta' kuntatt tagħhom, flimkien ma' l-ismijiet tal-persuni ta' kuntatt, jinsabu hawn:

Huma joħorġu Ċertifikati bin-numri mniżżlin hawn taħt:

	<b>Nri ta' Ċertifikati tal-KE</b>
Il-Belġju	minn KE 25,001 'il fuq
Ir-Renju Unit	minn KE 001 sa KE 20,000
Il-Ġermanja	minn KE 20,001 sa KE 21,000
Ir-Repubblika Ċeka	minn KE 21,001 sa KE 22,000
Ir-Rumanija	minn KE 22,001 sa KE 23,000
Il-Bulgarija	KE 23,001 sa KE 24,000

### 1. L-Awtorità Komunitarja fil-Belġju:

Federal Public Service of Economy  
Italielei 124, bus 71  
2000 Antwerp  
Belgium  
Tel: +32 3 206 9487/71/72, Fax: +32 3 206 9490  
Email: [kpcs-belgiumdiamonds@economie.fgov.be](mailto:kpcs-belgiumdiamonds@economie.fgov.be)

Persuni li jistgħu jiġu kkuntattjati: Is-sinjura Frieda Coosemans, is-sinjura Anja Waem (fax u indirizz bħal ta' qabel)

Tel: +32 3 206 9472/87  
Email: [frieda.coosemans@economie.fgov.be](mailto:frieda.coosemans@economie.fgov.be), [anja.waem@economie.fgov.be](mailto:anja.waem@economie.fgov.be)

Għar-reġistrazzjoni ta' kumpaniji :  
Daniël Daeyaert, tel +32 3 206 94 81  
e-mail: [daniel.daeyaert@economie.fgov.be](mailto:daniel.daeyaert@economie.fgov.be)

Il-post tal-kontrolli tal-vjeġġi ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni u tal-ħruġ taċ-ċertifikati KP waqt l-esportazzjoni:

Diamond Office  
Hoveniersstraat 22  
2018 Antwerp

tel. +32 3 222 05 11

L-Awtorità Komunitarja fil-Belġju toħroġ in-numri ta' ċertifikati tal-KE minn KE 25,001 'il fuq.

## **2. L-Awtorità Komunitarja fir-Renju Unit:**

Government Diamond Office  
Foreign and Commonwealth Office  
King Charles Street  
London SW1A 2AH  
United Kingdom  
Tel: +44 20 7008 6903, Fax: +44 20 7008 3905  
Email: [GDO@gtnet.gov.uk](mailto:GDO@gtnet.gov.uk)

Il-Persuna tal-kuntatt: **Is-sur Stephen Russell u s-sinjura Nini Njoku**  
Email: [Stephen.Russell@fco.gov.uk](mailto:Stephen.Russell@fco.gov.uk) and [Nini.Njoku@fco.gov.uk](mailto:Nini.Njoku@fco.gov.uk)

L-Awtorità Komunitarja fir-Renju Unit toħroġ in-numri ta' ċertifikati tal-KE minn KE 001 sa KE 20,000.

## **3. L-Awtorità Komunitarja f'Idar-Oberstein, il-Ġermanja**

Hauptzollamt Koblenz  
- Zollamt Idar-Oberstein –  
Zertifizierungsstelle für Rohdiamanten  
Hauptstrasse 197  
D-55743 Idar-Oberstein  
Germany  
Tel. + 49 678 156 270, Fax: +49 678 156 2719  
Email: [poststelle@zabir.bfinv.de](mailto:poststelle@zabir.bfinv.de)

Il-Persuna tal-kuntatt: Is-sur Jürgen Bender (dettalji bħal ta' qabel)

### **jew**

Bundesfinanzdirektion Südost  
Krelingstraße 50  
90408 Nürnberg  
Tel. +49 911 376-3561; 376-3586; 376-3582, Fax. +49 911 376-2270  
Email: [diamond.cert@ofdn.bfinv.de](mailto:diamond.cert@ofdn.bfinv.de)

Il-Persuna ta' kuntatt: Is-sinjura Hiltraud Reinhardt  
Email: [hiltraud.reinhardt@ofdko-nw.bfinv.de](mailto:hiltraud.reinhardt@ofdko-nw.bfinv.de)

(NB: L-Awtorità Komunitarja fil-Ġermanja toħroġ in-numri ta' ċertifikati tal-KE minn KE 20,001 sa KE 21,000)

#### **4. L-Awtorità Komunitarja fi Praga, ir-Repubblika Ċeka:**

General Directorate of Customs (Generální ředitelství cel)  
Budějovická 7  
140 96 Praha 4  
Czech Republic  
Tel: + 420 261 333 841, Fax: + 420 261 333 870  
Email: [diamond@cs.mfcr.cz](mailto:diamond@cs.mfcr.cz)

Il-Persuna ta' kuntatt:  
Is-sinjura Petra Neumanova (dettalji bħal ta' qabel)  
Email: [p.neumanova@cs.mfcr.cz](mailto:p.neumanova@cs.mfcr.cz)

L-Awtorità Komunitarja fir-Repubblika Ċeka toħroġ in-numri ta' ċertifikati tal-KE minn KE 21,001 sa KE 22,000.

#### **5. L-Awtorità Komunitarja f'Bukarest, ir-Rumanija**

National Authority for Consumer Protection  
Precious Metals and Precious Stones Department  
5 Georges Clemenceau Street  
Sector 1, Bucharest 010295, Romania  
Tel: +40 21 318 4635, +40 21 312 1275, Fax: +40 21 318 4635, +40 21 314 3462  
Email: [MihaelaPetcu@anpc.ro](mailto:MihaelaPetcu@anpc.ro), website: [www.anpc.ro](http://www.anpc.ro)

L-Awtorità Komunitarja fir-Rumanija toħroġ in-numri ta' ċertifikati tal-KE minn KE 22,001 sa KE 23,000.

#### **6. L-Awtorità Komunitarja f'Sofia, il-Bulgarija**

Ministry of Finance  
External Finance Directorate  
102, G. Rakovski str.  
Sofia, 1040  
Bulgaria  
Tel. (359-2) 98 59 24 01/98 59 24 10/98 59 24 15, Fax (359-2) 98 12 498  
E-mail: [feedback@minfin.bg](mailto:feedback@minfin.bg)

Il-persuna ta' kuntatt:  
Is-sinjura Antonia Ruskova (dettalji bħal ta' qabel)  
Email: [a.ruskova@minfin.bg](mailto:a.ruskova@minfin.bg)

L-Awtorità Komunitarja fil-Bulgarija toħroġ in-numri ta' ċertifikati tal-KE minn KE 23,001 sa KE 24,000.